MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2611/1998/1

**Kummissarju Elettorali Principali**

**vs**

**Melvin Farrugia**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi filwaqt li l-vettura propjeta' tal-Gvern, numru ta' registrazzjoni KAB-174, kienet qed tigi misjuqa mill-attur u hierga bil-mod minn Triq il-Gharghar ghal go Triq Prinjoli, Santa Lucia, nhar is-17 ta' Gunju, 1998 hija sfat involuta f'kollizjoni ma' vettura, propjeta' ta' John Farrugia, numru

ta' registrazzjoni FAD-742 misjuqa mill-konvenut Melvin Farrugia;

Illi l-istess kollizjoni kienet unikiament responsabbli l-istess konvenut stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte unikament tieghu (hu kien qed isuq b'velocita' eccessiva ‘wrong side’ waqt li kien qed jissorpassa crane);

Illi l-attur sofra danni fil-vettura tieghu kif jigi pruvat;

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnu kagunati huwa baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Gunju, 1998;

2. Tillikwida d-danni kkagunati lill-attur permezz ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-27 t'Ottubru, 1998 u bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenbut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi t-talba hija infondata fil-fatt ghaliex il-fatti juru li r-responsabilta' ta' l-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Gunju 1998 hija unikament tas-Sur Carmel Degabriele li kien hiereg minn triq sekondarja biex jidhol fi triq principali;

3. Illi kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza l-esponenti kellu d-dritt li jissorpassa crane, filwaqt li l-attur kellu d-dmir u d-dover li jieqaf fuq ‘stop sign’ qabel ma johrog fi triq principali;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tal-access mizmumfit-13 ta’ Gunju 2001;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Gunju 2001;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fis-17 ta' Gunju 1998 ghal habta tat-8.15am sehh incident stradali fi Triq Prinjoli, Santa Lucia. Involuti f'dan l-incident kien hemm il-vettura tal-marka Hyundai Sonata, propjeta' tal-Gvern, numru ta' registrazzjoni KAB-174, uzata mill-attur Kummissarju Elettorali Principali u li kienet misjuqa mill-istess Kummissarju cioe' Carmel De Gabriele, u l-vettura tal-marka Subaru Legacy numru ta' registrazzjoni FAD-742 misjuqa mill-konvenut Melvin Farrugia u liema vettura hi proprjeta ta' missier il-konvenut cioe' ta' John Farrugia. Jirrizulta li l-imsemmi Carmel De Gabriele kien hiereg minn Triq il-Gharghar ghal gol-imsemmija Triq Prinjoli, filwaqt li l-konvenut, Melvin Farrugia kien ghaddej appuntu fi Triq Prinjoli. Jirrizulta li Triq il-Gharghar hi sekondarja fil-konfront ta' Triq Prinjoli, tant li fejn Triq il-Gharghar tisbokka fi Triq Prinjoli hemm "stop sign" u hemm sinjali mal-art li jindikaw li vettura hierga minn Triq il-Gharghar ghal fuq Triq Prinjoli ghandha tieqaf;

L-attur jippretendi li l-konvenut hu unikiament responsabbli ghall-istess incident stradali. L-attur jindika fic-citazzjoni li l-konvenut kien qed isuq b'velocita' eccessiva u kien qieghed fuq in-naha l-hazina tat-triq waqt li kien qed jissorpassa crane. L-attur jippretendi li huwa sofra danni fl-imsemmija vettura u ghalhekk, dejjem skond l-attur, il-konvenut ghandu jigi rietenut responsabbli ghal hlas ta dawn id-danni;

Il-konvenut da parti tieghu qed jeccepixxi li hu Carmel De Gabriele li ghandu jigi ritenut l-uniku responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni;

Jirrizulta li it-triq fejn sehh dan l-incident cioe' Triq il-Prinjol, Santa Lucia hi triq wiesa minnn fejn jghaddu kommodament zewg karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta u hi ukoll triq fid-dritt. Jirrizulta ukoll li ghal minn ikun hiereg minn Triq il-Gharghar ghal fuq l-istess Triq il-Prinjol hemm vizwali pjuttost fit-tul u dana meta l-vettura li tkun hierga minn Triq il-Gharghar ikollha ir-roti ta' quddiem taghha fuq il-linja li hemm mal-art li timmarka s-sinjal

“stop”. Ma hemm ebda ostakolu ghal din il-vizwali. Jirrizulta ukoll li ma hemm ebda linji fi Triq il-Prinjol li jiddemarkaw il-karreggiati. (Ara verbal tal-access – fol.107/108);

L-attur Carmel De Gabriele, dwar id-dinamika tal-incident, jghid li huwa waqaf kif wasal fuq is-sinjal “stop” li hemm fi Triq il-Gharghar fejn tisbokka fuq Triq il-Prinjol. Kif wasal fuq l-imsemmi sinjal huwa nduna li fuq in-naha l-ohra ta’ Triq il-Prinjol kien hemm ghaddejja minn naha tax-xellug ghal-lemin tieghu vettura goffa aktarx krejn. Ukoll malli wasal fuq l-imsemmi sinjal huwa ttawwal lejn il-lemin tieghu u kif ra li ma kienx hemm gej traffiku minn fuq l-imsemmija naha tal-lemin tieghu, u peress li fil-kantuniera fuq ix-xellug tieghi hemm hajt ta' gnien pjuttost gholi, huwa beda hiereg bil-mod lejn in-naha tax-xellug tieghu. Kif huwa beda jixref fi Triq il-Prinjol lemah karozza gejja bi speed qawwi minn fuq ix-xellug tieghu liema vettura kienet fuq in-naha l-hazina tat-triq. Huwa ghafas il-brake u waqaf zopptu. L-attur ikompli jghid li s-sewwieq tal-vettura l-ohra baqa gej bl-istess velocita’, pero’ pprova jiskapulah pero huwa xorta wahda laqat il-vettura misjuqa mill-attur fuq il-quddiem taghha. L-attur qal li dan kollu hu konfermat bil-fatt li l-vettura l-ohra ma halliet ebda brake marks, pero’ jghid ukoll li l-istess vettura l-ohra waqfet xi ghoxrin (20) metru boghod minn fejn sehhet id-daqqa;

Da parti tieghu il-konvenut jghid li ftit qabel ma sehhet il-kollizzjoni quddiemu kien hemm crane miexi bil-mod u sejjer fl-istess direzzjoni tieghu. Il-konvenut accerta ruhu li seta jissorpassa dan il-krejn u hekk ghamel. Fil-kors ta' din il-manuvra u waqt li l-konvenut kien ser jerga jiehu postu fuq in-naha tax-xellug tat-triq, f'daqqa harget il-vettura misjuqa mill-attur minn Triq il-Gharghar.  Huwa jghid li din il-vettura harget bis-sahha tant li lanqas kellu l-opportunita' li jazzjona l-brejk.  Huwa ghalhekk ipprova jiskapula l-vettura misjuqa mill-attur izda l-istess vettura baqghet diehla fuq ir-rota ta' quddiem tal-karozza tieghu. Bid-daqqa din ir-rota tghawwget u ntefghet 'il gewwa u l-vettura tieghu spiccat titkaxkar ghal tul mhux hazin. Minhabba dawn il-hsarat li sofriet il-vettura misjuqa minnu l-istess vettura ma setghetx tkompli tinsaq u kellha tigi rmonkata. Il-konvenut jammetti li sabiex jissorpassa l-krejn huwa kellu jmur fuq in-naha l-hazina tat-triq u li l-habta sehhet meta in effett huwa kien fuq in-naha l-hazina tat-triq;

L-attur jippretendi li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ta' din il-kollizzjoni peress li skond hu l-konvenut kien qed isuq b'velocita' eccessiva u kien qieghed fuq in-naha l-hazina tat-triq;

Mill-provi prodotti ma jirrizultax sufficjentement pruvat li l-konvenut kien qed isuq b'velocita' eccessiva. Huwa minnu li l-konvenut, fil-hin li grat il-kollizzjoni, kien qieghed f'manuvra ta' sorpass. Huwa, pero', kien qed jissorpassa vettura kbira, cioe krejn, li kien ghaddej bil-mod. Ma hemm ebda indikazzjoni li l-konvenut seta kien ghaddej b'velocita' aktar mill-imissu. Il-konvenut kien ghaddej f'zona abitata u l-velocita' ma setghetx tkun ta' aktar minn 35 kilometru fis-siegha. Ma hemm ebda prova li in effett il-konvenut kien qed jeccedi din il-velocita'.  Jista jinghad li dan hu konfermat mill-entita' tal-hsarat li garbet il-vettura tal-attur, liema hsarat mhux ta' entita' kbira;

Barra minn hekk jirrizulta li l-konvenut kien qieghed fuq in-naha l-hazina tat-triq peress li kien qed jissorpassa krejn. Fil-hin li kien qed jghamel din il-manuvra l-konvenut ma kien qed jghamel xejn kontra l-ligi jew kontra r-regolamenti

tat-traffiku. Ma hemm xejn li jimpedixxi li setghet issir tali manuvra. Jirrizulta li l-konvenut qabel ma beda jghamel din il-manuvra, accerta ruhu li seta jghamilha. Jirrizulta ghalhekk li hu minnu li l-konvenut kien fuq in-naha l-hazina tat-triq meta sehhet din il-kollizzjoni, pero' dan kien minhabba li huwa kien qed jghamel manuvra li bilfors kellha tiehdu fuq l-imsemmija naha l-hazina tat-triq u liema manuvra tirrizulta li setghet issir u li kienet permissibli;

Barra minn hekk jirrizulta ukoll, u dan skond kif ammetta l-attur, li l-istess attur qabel ma beda hiereg go Triq il-Prinjol huwa ma spezzjonax it-triq ghar-rigward ta' traffiku li seta' kien gej minn fuq ix-xellug tieghu. Jirrizulta li l-attur seta' facilment ghamel dan meta kien wieqaf fuq is-sinjal "stop:" peress li jirrizulta li hemm vizwali minnghajr ostakolu fit-tul ghal fuq ix-xellug tieghu. Kieku li l-attur spezzjona it-triq fuq ix-xellug tieghu qabel ma beda hiereg, huwa seta facilment jinduna li kienet gejja vettura qed tissorpassa vettura ohra;

Ghandu ukoll jigi rilevat li waqt ix-xiehda tieghu l-attur f'hin minnhom jghid li  waqaf zopptu fuq is-sinjal "stop" u f'hin iehor jghid li baqa niezel minn fuq l-istess sinjal bil-mod;

Ghandu jinghad ukoll li il-konvenut isostni li meta grat il-kollizzjoni il-vettura misjuqa mill-attur kient miexja u ma kinitx wieqfa kif isostni l-attur. Dan ukoll jidher li hu konfermat mill-hsarat li garbet il-vettura misjuqa mill-konvenut;

L-attur isostni li l-konvenut ammetta li kien ghaddej b'velocita eccessiva. F'dan ir-rigward l-attur jghid li din l-ammissjoni saret quddiem xi xhieda inkluz l-ufficjal tal-Pulizija li kien qed jinvestiga l-kollizzjoni. Il-konvenut jichad kategorikament din ic-cirkostanza u jichad ukoll li huwa kien ghaddej b'velocita' eccessiva. L-ufficjal tal-Pulizija in kwestjoni ukoll ikkonferma li l-konvenut ma ammettiex li kien qed isuq b'velocita eccessiva. In effett fl-okkorrenza f'dan ir-rigward ma hemm xejn. Ghandu jinghad ukoll li ma tirrizulta ebda cirkostanza li tista tindika li l-konvenut kien qed isuq b'velocita' eccessiva. Jigi rilevat ukoll li l-konvenut ukoll jallega li l-attur ammetta mieghu li kien mghaggel ghal ragunijiet ta' xoghol;

F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jingad li l-attur pprova b'mod sufficjenti l-allegazzjonijiet tieghu. Ghalhekk ma jirrizultax sufficjentement pruvat li l-konvenut hu responsabbli, anke in parti, ghal din il-kollizzjoni. Konsegwentement it-talbiet kollha attrici ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-attur.